**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar 6 ta' Frar 2025**

**Rikors guramentat nru : 22 /2024 AGV fl-ismijiet ;**

**JL F**

**vs**

**PC għan-nom tagħha u għan-nom ta' uliedha minuri JAH u FHC;**

**MAH**

**u**

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-RIKORS ĠURAMENTAT ta' JL F12 ta' Frar 2024;**

Jesponi u bil-ġurament tiegħu jiddikjara;

1. Illi l-konvenuta PC, iżżewwget lil MAH fid-9 ta' Lulju 2003;

2. Illi r-rikorrent u l-konvenuta PC kellhom relazzjoni li minnha twieldu JAH fit-18 ta' Lulju 2009 (DOK JLF1) u FH C fit-28 ta' Settembru 2011 (DOK JLF2), it-tnejn minuri;

3. Illi stante li t-twelid ta' dawn l-ulied kienu waqt iż-żwieġ bejn il-konvenuta P C u l-konvenut MAH ,iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 2806/2009 u 3988/2011 jindikaw li l-missier tal-minuri huwa MAH u dan a bażi tal-preżunzjoni illi min jitwieled fiż-żwieg huwa l-wild tal-miżżewġin;

4. Illi, r-rikorrent, il-konvenuta PC u l-minuri J u F , kienu wkoll għamlu test tad-DNA li minnu rriżulta li r-rikorrent huwa l-missier bioloġiku tal-minuri J (DOK JLF3);

5. Illi l-konvenut MAH kien ukoll iffirma dikjarazzjoni jikkonferma li hu ma huwiex il-missier bioloġiku tal-minuri (DOK JLF4);

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier bioloġiku tal-minuri J u F ;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri J bin-numru 2806/2009 u tal-minuri F bin-numru 3988/2011 billi f'dik il-parti ddedikata ghad-dettalji tal-missier tat-tarbija, fejn hemm, miktub 'Isem u Kunjom Missier it-Tarbija', l-isem 'MAH ' jigi sostitwit b'isem ir-rikorrent, JLF, bin-numru tal-karta tal-identità 546993M, li twieled fit-18 ta' Marzu 1978, bin J u BF , u kunjom il-minuri jinbidel għal F C ;

**Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li minn issa huma inġunti in subizzjoni.**

RAT IR-**R**ISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-**D**IRETTUR TAR-**R**EĠISTRU **P**UBBLIKU

*Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:*

1. Illi preliminarjament jingħad illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

2. Illi preliminarjament ukoll jingħad illi jeħtieġ korrezzjoni fl-okkju stante illi l-isem sħiħ ta' J huwa JH u mhux 'JAH '

3. Illi mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attur qiegħed jallega illi huwa jiġi missier il-minuri 'JAH 'u FHC ' nonostante illi tali minuri twieldu

frott iż-żwieġ bejn l-intimata PC , ossia omm il-minuri, kif ukoll l-intimat MAH ossia l-missier kif legalment rikonoxxut fuq l-Atti tat-Twelid tal-istess minuri;

4. Illi di fatti minn dak li jirriżulta *ictu ocoli* mill-Atti tat-Twelid b'numru progressiv **2806/2009** u **3988/2011**, jidher li ż-żewġ minuri ' JH u ' FH C ' twieldu ġewwa Malta nhar it-tmintax (18) ta' Lulju 2009 u nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2011 rispettivament u t-tnejn li huma twieldu lil ' MAH ' u ' PC *wife of the said* MAH ' , fiż-żwieġ; Dana skont ma ddikjarat l-omm fuq iż-żewġ Atti tat-Twelid (annessi bħala Dok. DRP 1 u DRP 2) u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li sar xi żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġew reġistrati l-istess Atti tat-Twelid;

5. Illi mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti **<u>salv dak li ġej</u>**:

6. Illi fl-ewwel lok jidher illi t-testijiet tad-DNA (annessi bħala Dok. JLF3) li saru fil-konfront taż-żewġ minuri għandhom ikunu ġuramentati skont il-liġi mill-espert li wettaqhom;

7. Illi sabiex tilqa' **l-ewwel u t-tieni talba**, din l-Onorabbli Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-minuri huma verament it-tfal bijoloġiċi u naturali tal-attur;

8. Illi dwar **it-tieni talba**, kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba, għandha tiġi preżentata **<u>nota bid-dettalji tal-allegat missier fil-mument tat-twelid ta' kull waħda mill-minuri.</u>** Senjatament id-dettalji li għandhom jiġu speċifikati huma (1) ismu

u kunjomu, (2) n-numru tad-dokument tal-identità tiegħu, (3) l-età tiegħu meta twieldu ż-żewġ minuri, (4) l-post tat-twelid tiegħu, (5) l-post ta' residenza tiegħu meta twieldu ż-żewġ minuri, u (6) isem u kunjom missieru (nannu patern tal-minuri) u jekk dan kienx ħaj jew mejjet meta twieldu l-minuri. **Tali informazzjoni għandha tiġi preżentata permezz ta' nota fl-atti ta' din l-kawża u hija meħtieġa biex eventwalment tiġi nserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri f'każ li t-talbiet jintlaqgħu**;

9. Di piu', f'każ li l-din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-tieni talba, għandhom jitneħħew il-kliem *"the said"* mid-dettalji tal-omm fuq l-Atti tat-Twelid taż-żewġ minuri;

10. Illi finalment, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet **għandu jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-kunjom li sejrin jaddottaw l-minuri**;

11. Illi finalment, **l-esponent m'għandu jeħel ebda spejjeż** ta' dawn il-proċeduri stante illi huwa ċar illi fil-każ odjern ma jirrizulta ebda nuqqas tal-esponent imħarrek;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

**Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati;**

**Jesponu bir-rispett:**

Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mil-fatti u ghalhek jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz;
Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Rat id-digriet datat 7 ta' Mejju, 2024, fejn gie nominat l-Avukat tat-Tfal ghall-interess tal-minuri.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, datat 10 ta' Gunju 2024.

Rat li l-konvenuta PC debitament notifikata, ma ppresentatx risposta, izda dehret fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024 u ddikjarat illi qed taqbel mal-fatti iddikjarati fir-rikors guramentat.

Rat ir-rapport tat-testijiet tad-DNA ta' Dr Marisa Cassar;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba sabiex missier jigi rikonoxxut bhala tali mill-awtoritajiet. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-konvenuta P C kellha zewgt itfal, J u F, waqt illi hi kienet ghadha mizzewga lill-konvenut MAH . Fic-certifikat tat-twelid, A H gie indikat bhala missier iz-zewg minuri, izda fil-fatt kien l-attur il-missier biologiku taghhom. Ghalhekk huwa istitwixxa dawn il-proceduri.

Il-fatti tal-kaz huma maqbula bejn il-partijiet. Il-prova ewlenija f'kazijiet bhal dawn hija t-test tad-DNA, jigifieri ezami komparattiv bejn id-DNA tal-attur, illi huwa allegatament il-missier biologiku taz-zewg minuri, u dak tal-istess tfal. Minn dan irrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju illi di fatti l-attur Jon JLF huwa l-missier ta' J u ta' F. It-tfal esprimew ix-xewqa espressa illi l-kunjom taghhom jinbidel ghal kunjom l-attur, haga li l-Qorti taqbel maghha u ma tara ebda raguni biex din ix-xewqa taghhom ma tigix rispettata. Huwa fl-interess tal-istess minuri illi jkollhom kunjom missierhom, u li qabel ma jibdew il-hajja adulta taghhom, jkunu maghrufa bhala ulied l-attur.

Illi, ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-attur.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA’ T-TALBIET ATTRICI.

Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier bioloġiku tal-minuri J u F ;
Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri J bin-numru 2806/2009 u tal-minuri F bin-numru 3988/2011 billi f’dik il-parti ddedikata ghad-dettalji tal-missier tat-tarbija, fejn hemm, miktub ’Isem u Kunjom Missier it-Tarbija’, l-isem ’MAH’ jigi sostitwit b’isem ir-rikorrent, JLF , bin-numru tal-karta tal-identità , li twieled fit-18 ta’ Marzu 1978, bin J u BF , u kunjom il-minuri jinbidel għal ”F”;

U dan skond in-nota tal-attur esebita in atti fis-6 ta’ Frar 2025, liema nota tinsab annessa ma’ din is-sentenza, fejn jidhru l-konnotati tal-attur hekk kif mitlub illi jaghmel mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghall-eventwali korrezzjoni tal-atti tat-twelid taz-zewg minuri.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta PC .

**Anthony J Vella**

**Imħallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**